# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 304/2016

Seduta tat-27 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Alios Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Alios Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 156197m akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Settembru, 2015 ghall-habta ta' 21:00hrs fi Triq San Lawrenz, Birgu: 1) saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan; u 2) uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Mejju, 2016 li biha, wara ammissjoni fuq l-ewwel imputazzjoni, illiberatu mit-tieni imputazzjoni u sabitu hati tal-ewwel wahda w kkundannatu ghall-multa komplessiva ta' €150.00;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni, filwaqt illi thassar il-parti tas-sentenza fejn illiberatu mit-tieni (2) imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati wkoll taht it-tieni imputazzjoni u tiskwalifikah mill-licenzja tas-sewqan u tinfliggi piena skont il-ligi relevanti u adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Semghet il-provi;

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi fis-17 ta' Settembru 2015 PC 2 flimkien ma' PC 1333 kienu waqqfu lill-appellat li kien qed jaghmel xi manuvri storbjuzi bil-vettura li kien qed isuq. Peress illi ma kellu ebda dokument tas-sewqan fuqu huwa intalab jiproduci l-istess fi zmien skond il-ligi izda baqa' inadempjenti. Ghalhekk il-Pulizija ghamlu ricerka ma' Trasport Malta u rrizulta li l-appellat ma kellu ebda licenzja

tas-sewqan mahruga f'ismu. Mill-okkorrenza esebita in atti irrizulta li l-vettura misjuqa mill-appellat kienet registrata fuq certu Ahmad Abu Hassan li kien informa lill-Pulizija li ghalkemm kien biegh din il-vettura ma kienx ghadu rregistra t-trasferiment taghha;

2. Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellat ammetta l-ewwel imputazzjoni u fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 jirrizulta li kien iddikjara li l-vettura kienet assikurata. Ghalhekk bid-decizzjoni taghha, l-ewwel Qorti deherilha illi verament kien hemm polza ta' assikurazzjoni vigenti li tkopri lill-appellat. Dan fil-fatt huwa l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali igifieri li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tad-disposizzjoni tal-ligi. L-Avukat Generali jargumenta illi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104, hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx hemm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni li tkopri lis-sewwieq u la darba l-appellat ma kienx hekk licenzjat ma jistghax jitqies bhala "sewwieq" f'ghajnejn il-ligi;

3. Din il-Qorti , izda, anke jekk dak ipotizzat mill-Avukat Generali huwa il-*quid juris* korrett, mhix ser tinoltra in rigward. Dan ghaliex, kif tajjeb irrileva l-abbli difensur tal-appellat, fit-termini tal-artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 104, il-proceduri kontra l-appellat kellhom jibdew fi zmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sehh l-allegat reat (bl-eccezzjoni imbaghad tas-subartikolu (b) li mhux applikabbli ghal dan il-kaz. Ezaminati l-atti jemergi illi l-allegat reat sehh u kien mgharuf lill-Pulizija Ezekuttiva fis-17 ta' Settembru 2015. L-Avviz ghad-dehra u smiegh (fol 1) jindika illi l-ewwel seduta quddiem il-Qorti kienet iffissata ghat-12 t'April 2016. **<u>Mkien</u>** fuq dan l-Avviz ma hemm id-data meta inhareg. Haga tal-iskantament li ghal-reat ta' din il-portata jinhareg Avviz fuq karta ta' qies A4 u l-informazzjoni, fatti tal-imputazzjoni u d-dettalji kollha l-ohra neccessarji ghall-process kriminali jkunu mghasura fuq nofs din il-karta bil-kumplament vojt minflok li kollox ikun spjegat b'mod vizibbli u logiku. Dan ifisser illi l-Avviz seta' inhareg ftit qabel id-data tas-smiegh li allura tmur oltre is-sitt xhur ravvizati fl-artikolu 3(3)(a) tal-Kap 104. A

propozitu ukoll tajjeb li din il-Qorti tirrimarka dwar ir-riferta in bjank bil-firma tal-ufficcjal (fol 4) li fl-ewwel lok ma turi ebda data li fiha seta tqassam l-Avviz u fit-tieni lok tista' taghti lok ghall-abbuz;

4. Illi ghalhekk kif tajjeb issolleva l-appellat, iddekorrew favur tieghu is-sitt xhur li fihom kellhom jibdew dawn il-proceduri. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

5. Fit-tieni aggravju tieghu l-Avukat Generali jikkwerela d-decizzjoni tal-ewwel Qorti meta ma skwalifikatx lill-appellat mil-licenzji tas-sewqan tieghu minkejja li sabet htija fih dwar sewqan ta' vettura bla licenzja, minkejja li kellha taghmel dan tassattivament la darba mitluba mill-prosekuzzjoni. L-appellant ghandu ragun in rigward. L-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 jipprovdi illi meta tinsab htija ta' sewqan bla licenzja, il-Qorti ghandha, jekk mitluba mill-prosekuzzjoni, tghaddi biex tiskwalifika lil hati ghal perjodu ta' mhux anqas minn tmint ijiem;

6. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €150 u lliberatu mit-tieni imputazzjoni u b'zieda mal-piena, wara li semghet is-sottomissjonijiet u ragunijiet tal-appellat, fit-termini tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65, tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien ghaxart ijiem minn nofs il-lejl ta' ghada.